**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IR-RABA' SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

Isem ______________________

Klassi ______________________

TOTAL TAL-MARKI



## A. Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba.



1. Fil- (festa tar-raħal, Milied, Ġimgħa l-Kbira, Karnival) nilbsu l-maskra.
2. Il-poeta nazzjonali tagħna huwa Dun (Ġorġ Preca, Karm Psaila, Mikiel Xerri, Mikiel Azzopardi).
3. L- (għalliema, infermiera, avukati, isqfijiet) jgħallmu t-tfal fl-iskejjel.
4. Il- (pustier, pulizija, perit, qassis) jżomm l-ordni fil-pajjiż.
5. Għandna nżommu l-indafa (fid-dar biss, kullimkien, fix-xatt biss, fil-klassi biss).



6. Fl-Għid il-Kbir nieklu l- (figolli, qubbajt, pudina, galletti) u l-bajd taċ-ċikkulata.
7. Fil- (festa, familja, Milied, kampanja) tar-raħal nifirħu bil-qaddis patrun jew qaddisa patruna tagħna.
8. San Franġisk għamel l-ewwel (pastur, presepju, purċissjoni, figolla).
9. Fl-Imnarja ħafna nies imorru l- (Isla, Għarb, Marsa, Buskett).



10. Is-siġar itellgħu weraq ġdid fl-istaġun (tal-Ħarifa, tax-Xitwa, tar-Rebbiegħa, tas-Sajf).
11. Malta u (Ċipru, Franza, Spanja, l-Portugall) huma gżejjer fil-Mediterran.
12. Fl-Eġittu nistgħu naraw (l-Akropoli, il-Kolossew, il-Piramidi, il-Vatikan).
13. Il-bandiera tal-Libja hija (ħamra, bajda, safra, ħadra) kollha.
14. Aħna għandna (nirrispettaw, nirrispondu, ninku, nħammġu) lill-ġenituri tagħna.



15. Fil-libreriji pubbliċi nistgħu nisselfu l- (flus, ħwejjeġ, kotba, ġugarelli).

**(15-il marka)**

**B. Agħmel ċirku madwar il-ħames (5) affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-festa tal-Milied.**

| | | |
|---|---|---|
| presepju | wirja ta' l-annimali | maskri |
| qubbajt | maxtura | il-Buskett |
| priedka tat-tifel | karrijiet tal-karnival | rigali |
| | purċissjoni bil-Bambin | |

**(5 marki)**

**Ċ. Imla l-vojt b'dawn il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **xarabank** | **trasport** | **mixi** | **saħħitna** | **duħħan** |
| **arja** | **karozza** | **bankina** | **traffiku** | **inċidenti** |




L-eżerċizzju huwa tajjeb għal ________________. Għalhekk biex immorru minn post għall-ieħor, tajjeb li mmorru bil- ________________. Jekk il-post ikun 'il bogħod, ikollna nużaw xi forma ta' ________________. Tajjeb li nużaw il-karozza tal-linja jew ix- ________________ minflok ma nużaw il-________________ tagħna. B'hekk innaqqsu ħafna mit- ________________ fit-toroq tagħna. Jekk jonqos id- ________________ li jħallu l-karozzi, jonqos ukoll il-ħmieġ fl- ________________. Jonqsu wkoll l- ________________ tat-traffiku. M'għandna qatt naqsmu mingħajr ma nħarsu lejn il-lemin u lejn ix-xellug. Għandna nimxu dejjem fuq il- ________________.

**(10 marki)**

**D. Poġġi numru minn Kolonna A fil-kaxxa ta' ħdejn Kolonna B. Ara l-eżempju.**

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1. | il-Karnival | | festa f'Awwissu |
| 2. | l-Għid il-Kbir | | Ġunju |
| 3. | l-Imnarja | | kejl ta' xita |
| 4. | il-Milied | | 25 ta' Diċembru |
| 5. | Santa Marija | **1** | Xitwa |
| 6. | pinnur | | kejl ta' temperatura |
| 7. | anemometru | | kesħa |
| 8. | termometru | | direzzjoni tar-riħ |
| 9. | *rain gauge* jew pluvjometru | | sħana |
| 10. | 15° Ċelsius | | qawwa tar-riħ |
| 11. | 35° Ċelsius | | Rebbiegħa |

**(10 marki)**



## E. Kompli s-sentenzi b'dawn il-kliem.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **ħakkiem** | **mużika** | **Għarab** | **Malta** | **kliem** | **maqtula** |
| **Normanni** | **Alla** | **Sqallija** | **Franċiżi** | **Poeta** | **eroj** |

1. Dun Mikiel Xerri kien ___________________.
2. Hu kien iħobb ħafna lil ___________________.
3. Hu u sħabu riedu jeħilsu lil Malta mill- ___________________.
4. Iżda huma nqabdu u ġew ___________________ fil-Pjazza tal-Palazz.



5. Dun Karm Psaila hu l- ___________________ Nazzjonali.
6. Hu kiteb il- ___________________ ta' l-Innu Malti.
7. L-Innu Malti huwa talba lil ___________________.
8. Is-surmast Robert Samut kiteb il- ___________________ ta' l-Innu Malti.



9. Il-Konti Ruġġieru ġie Malta minn _______________.
10. Hu ġie Malta mas-suldati _______________.
11. Is-suldati ġġieldu kontra l- _______________ u rebħulhom.
12. Għalhekk il-Konti kien sar il- _______________ il-ġdid ta' Malta.



**(12-il marka)**

**F. Aqra din l-istorja.**

**Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



David huwa l-pustier tat-triq tagħna. Filgħodu kmieni hu joħroġ bir-rota. Hu jdur madwar ir-raħal jiġbor l-ittri mill-kaxxi ta' l-ittri.

Malli jlesti, David imur lejn l-uffiċċju tal-posta. Hemmhekk il-pustiera l-oħra jittimbraw l-ittri u jqassmuhom skond l-indirizzi li jkollhom fuqhom. Wara, David jerġa' jitlaq mill-uffiċċju tal-posta bir-rota. Hu jiġi jqassmilna l-ittri bieb bieb. David ikollu joħroġ jaħdem fis-sħana, fil-bard, kif ukoll fix-xita.



Il-barżakka ta' David dejjem tkun mimlija ħafna. Xi drabi matul is-sena David ikollu aktar xogħol mis-soltu!

**Wieġeb:**

1. Semmi żewġ affarijiet li jagħmel David bħala pustier. ____________________

______________________________________________

2. Għaliex ix-xogħol tal-pustier mhux dejjem faċli? ____________________

______________________________________________

3. Ikteb żewġ sentenzi biex turi kif tista' tgħin lill-pustier.

______________________________________________

______________________________________________



4. F'liema żmien tas-sena l-iktar li jkollu x'jagħmel il-pustier?

______________________________________________

______________________________________________

**(8 marki)**

## Ġ. Ħares lejn l-istampa.




**Uża dawn il-kliem biex tkompli s-sentenzi.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **il-Punent** | **in-Nofsinhar** | **il-Lvant** | **it-Tramuntana** |

1. Biex imur **id-dar**, David irid jimxi lejn ______________________.
2. Biex jimxi lejn **l-uffiċċju tal-posta**, David irid jimxi lejn ______________.
3. Biex imur sal-**kaxxa ta' l-ittri**, David irid jimxi lejn ________________.
4. Biex imur **sal-pjazza**, David irid jimxi lejn ____________________.

**(8 marki)**



**G (1) Ix-xogħol tal-pustier huwa importanti għas-soċjetà.**

Semmi **żewġ (2)** ħaddiema oħra li jgħinuna.

(a) ______________________ (b) ______________________

**G (2) L-ittri huma mezz ta' komunikazzjoni.**

Semmi **żewġ (2)** mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

(a) ______________________ (b) ______________________

**G (3) Ir-rota hija mezz ta' trasport.**

Semmi **żewġ (2)** mezzi oħra ta' trasport.

(a) ______________________ (b) ______________________

**(6 marki)**

## GĦ. Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba.



1. Franza hija pajjiż li jmiss mal-baħar (l-Aħmar, l-Iswed, Mediterran).
2. Fi Franza tista' tara (l-Piramidi, l-Akropoli, t-Torri Eiffel).
3. Franza hija (ikbar minn, iżgħar minn, daqs) Malta.
4. Il-belt kapitali ta' Franza hija (Ateni, Pariġi, Lisbona).
5. Agħti l-**kulur** lill-bandiera ta' Franza. (Jekk m'għandekx kuluri, ikteb il-kulur).



**(5 marki)**

**H. Ikteb in-numru biex turi li taf fejnhom il-pajjiżi u l-gżejjer.**

**L-ewwel waħda lesta.**

| | |
|---|---|
| Franza | 1 |
| l-Italja | |
| l-Eġittu | |
| Spanja | |
| il-Libja | |
| Sqallija | |
| Malta | |




**(6 marki)**

## Ħ. Qabbel bin-numri l-Pajjiż mal-Belt Kapitali.

| | Pajjiż | | Belt Kapitali |
|---|---|---|---|
| 1 | Malta | | Alġiers |
| 2 | Spanja | | Ateni |
| 3 | il-Greċja | | Valletta |
| 4 | l-Italja | | Madrid |
| 5 | l-Alġerija | | Ruma |

**(5 marki)**

**I. Ikteb ĦAMES (5) SENTENZI dwar WIEĦED minn dawn:**



1. L-Italja.
2. Kif inżomm ruħi b'saħħti.
3. Ir-Raħal fejn noqgħod.
4. Il-Festi Maltin.
5. L-Imġiba tiegħi kullimkien (fid-dar, fit-triq, fl-iskola).

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

**(10 marki)**

***Tmiem il-Karta***